Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 10th September, 2024. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 020-3846/24. Supply of foot straps for ankle distractor
CFT 020-3847/24. Supply of non implantable bone conduction hearing aids
CFT 020-3848/24. Supply of heatable insufflation tubing set
CFT 020-3849/24. Supply of Equipment for Podiatry Services
CFT 021-3850/24. Supply of Ketamine 100mg solution for injection
CFT 019-3851/24. Supply of hand washing liquid with reduced environmental impact

CFT 021-3852/24. Provvista ta' 'Doxycycline 100 mg capsules/tablets'

CFT 020-3853/24. Provvista ta' 'sterile single use latex free PF surgeon gloves'

CFT 021-3854/24. Provvista ta' 'Diazepam oral solution'

CFT 020-3855/24. Provvista ta' 'lens powers ranging from +14.5D to +24.5D in 0.5 steps for this category on pay-per-use basis

CFT 019-3856/24. Provvista ta' 'hardbound dairies 2025'

CFT 021-3857/24. Provvista ta' 'Ethinylestradiol 10mcg tablets/capsules'

CFT 009-3858/24. Provvista, konsenja u kkummissjonar ta' '16-Lead ECG machines' b'impatt ambjentali ridott

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

It-13 ta' Awwissu, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għal CFT009-3842/24. Provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjonar ta' 'endoscope washer disinfectors' li ma jagħmlux ħsara 'l-ambejnt fit-Teatru tal-Operazzjonijiet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, id-data tal-għeluq ġiet estiża għall-Ġimgħa 20 ta' Settembru, 2024.

It-13 ta' Awwissu, 2024

KUNSILL LOKALI BORMLA

Il-Kunsill Lokali Bormla jgħarraf li:

Sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Settembru, 2024, offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Bormla, għal:

Avviż Nru KLBO04/2024. Installazzjoni ta' chair lift (wheel chair inclined platform) quddiem l-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali Bormla, 2A, The Rest, Pjazza Santa Margherita, Bormla BML 1202.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

CFT 021-3852/24. Supply of Doxycycline 100 mg capsules/tablets

CFT 020-3853/24. Supply of sterile single use latex free PF surgeon gloves

CFT 021-3854/24. Supply of Diazepam oral solution

CFT 020-3855/24. Supply of lens powers ranging from +14.5D to +24.5D in 0.5 steps for this category on pay-per-use basis

CFT 019-3856/24. Supply of Hardbound Dairies 2025

CFT 021-3857/24. Supply of Ethinylestradiol 10mcg tablets/capsules

CFT 009-3858/24. Supply, delivery and commissioning of 16-Lead ECG machines with reduced environmental Impact

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

13th August, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to CFT009-3842/24. Supply, delivery, installation and commissioning of environmentally friendly endoscope washer disinfectors at the Gozo General Hospital Operating Theatre published in the Government Gazette of Friday, 9th August, 2024, the closing date is being extended till Friday, 20th September, 2024.

13th August, 2024

BORMLA LOCAL COUNCIL

The Bormla Local Council notifies that:

Tenders will be received at Bormla Local Council through ePPS up to 11.00 a.m. on Tuesday, 17th September, 2024, for:

Advt No. KLBO04/2024. Installation of a chair lift (wheel chair inclined platform) in front of the Bormla Local Council Offices, 2A, The Rest, Pjazza Santa Margherita, Bormla BML 1202.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-13 ta' Awwissu, 2024

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

13th August, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1722

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fit-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, Digriet numru 129/2021, ġie ordnat illi Dott. Jonathan Mintoff, avukat, bin Anthony Mintoff u Domenica née Mifsud, imwieled Tal-Pietà, Malta, u residenti l-Għasri, Għawdex (KI 9495M) jiġi maħtur bħala kuratur tal-interdetta Gemma Rolls, pensjonanta, bint Carmel Portelli u Margaret née Attard, imwielda n-Nadur, Għawdex, u residenti n-Nadur, Għawdex, detentriċi tal-karta tal-identità numru 67846G u dan in sostituzzjoni tal-kuratur preċedenti Gordon Reginald Rolls, bin Reginald Rolls u Ada née Mace, imwieled l-Ingilterra u miet fit-tmienja (8) ta' April tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) fir-Rabat, Għawdex, karta tal-identità numru 196801L.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 8 ta' Awwissu, 2024

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

IT is hereby notified that in virtue of a decree dated twelve (12th) of May of the year two-thousand and twenty-four (2024) given by the Court of Magistrates (Gozo) in its Voluntary Jurisdiction, Decree number 129/2021, the Court has ordered that Dr Jonathan Mintff, lawyer, son of Anthony Mintoff and Domenica née Mifsud, born in Tal-Pietà, Maltam and residing in Għasri, Gozo (ID 9495M) be appointed as curator of the interdicted Gemma Rolls, pensioner, son of Carmel Portelli and Margaret née Attard, born in Nadur, Gozo and resides in Nadur Gozo (ID 67846G) and this in substitution of the former curator Gordon Reginald Rolls, son of Reginald Rolls and Ada née Mace, born in England and died on the eight (8th) of April of the year two-thousand and twenty-four (2024) in Victoria, Gozo (ID 196801L).

Registry of the Courts of Magistrates (Gozo), Volontary Jurisdiction

Today 8th of August, 2024

DANIEL SACCO
For Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1723

Ikun jaf kulħadd illi b'Digriet tat-8 ta' Awwissu, 2024, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artikolu 338(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12)

Illi b'rikors u ċedola ta' kompensazzjoni preżentati minn John Galea (KI 32157G), fis-7 ta' Awwissu, 2024, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €41,903.67 fil-bejgħ bl-irkant numru 4/2024 fl-ismijiet 'John Galea et vs Dott. Deborah Camilleri noe', miżmum taħt l-awtorità ta' din il-Qorti fl-1 ta' Awwissu, 2024.

Skont artikolu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin

It is hereby notified that by a decree of the 8th of August, 2024, given by The Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, the Court ordered that the hereunder extract be published for the purpose of service according to article 338(1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

Whereas by an application and a concurrent schedule of set-off filed by John Galea (ID 32157G), on the 7th of August, 2024, the approval of the said set-off is being demanded for the amount of €41,903.67 and this subsequent to the judicial sale by auction number 4/2024 in the names of 'John Galea et vs Dr Deborah Camilleri noe', held under the authority of the said Court on the 1st of August, 2024.

According to article 338 (2) of Cap. 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall

ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Illum 8 ta' Awwissu, 2024

MARTINA AXIAK
Għar-Reġistratur

be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Today the 8th of August, 2024

MARTINA AXIAK
For The Registrar

1724

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Lulju, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Mariella Micallef et vs Mark Zammit Rikors Nru 257/2024CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mark Zammit a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Mariella Micallef (KI 587077M) u oħtha Sandra Micallef (KI 558080M) vs Mark Zammit (KI 52362M) u l-Awtorità tad-Djar, preżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fit-3 ta' Ġunju, 2024, ir-rikorrenti Mariella Micallef et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi li l-intimat Mark Zammit jissodisfa r-rekwiżiti sabiex jibbenefika mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Konsegwentement jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimat Zammit, li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), ibbażat fuq id-dħul u l-kapital tal-intimat bejn l-1 ta' Jannar, 2023 u l-31 ta' Diċembru, 2023 u fl-eventwalità li l-intimat jissodisfa dana it-test, u ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-kera għandha tiġi riveduta għal ammont annuali li ma' jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond bin-numru 134, St Catherine Flt 5, fi Triq il-Magna tal-Isserrar, l-Imsida u dan bl-opra ta' periti nominandi;

3. Jordna, fl-eventwali li l-intimat Zammit ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, li jiżgombra mill-fond 134, St Catherine Flat 3, fi Triq il-Magna tal-Isserrar, l-Imsida f'perjodu ta' mhux aktar minn sentejn u jistabbilixxi ammont in linea ta' kumpens li għandu jitħallas

By means of a decree of the 23rd July, 2024 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Mariella Micallef et vs Mark Zammit, Application Number 257/2024CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mark Zammit in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Mariella Micallef (ID 587077M) and her sister Sandra Micallef (ID 558080M) vs Mark Zammit (ID 52362M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 3rd June, 2024, the applicants Mariella Micallef et requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondent Mark Zammit satisfies the requisites in order to benefit from the provisions of Article 4A of Chapter 69 of the Laws of Malta;

2. Consequently order that the means test of the respondent Zammit be carried out, which shall be based on the means test established in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria), based on the income and capital of the respondent between the 1st January, 2023 and the 31st December, 2023 and in the event that the respondent satisfies this test, and in terms of Article 4A of Chapter 69 of the Laws of Malta, order that the rent be revised to an annual amount which does not exceed 2% per year of the free and unencumbered open market value of the premises with number 134, St Catherine Flt 5, in Triq il-Magna tal-Isserrar, Msida and this with the work of nominated architects;

3. Order, in the eventuality that the respondent Zammit does not satisfy the criteria of income and capital of the means test, to vacate the premises 134, St Catherine Flat 3, in Triq il-Magna tal-Isserar, Msida within a period of not more than two years and establish an amount by way of

mill-intimat Zammit lill-esponenti għall-okkupazzjoni tul dana l-perjodu.

Bl-ispejjeż tal-presenti.

rikorrenti: 21, Windmill House, Triq il-Ħobbejża, ir-Rabat (Malta)

Notifika: 134, St Catherine, Flat 5, Triq il-Magna tal-Isserrar, l-Imsida.

Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Mariella Micallef et vs Mark Zammit, rikors numru 257/2024CG jinsab differit għall-24 ta' Settembru, 2024 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 9 ta' Awwissu, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

compensation to be paid by the respondent Zammit to the applicants for the occupation during this period.

With costs of the present.

Applicant: 21, Windmill House, Triq il-Ħobbejża, Rabat (Malta)

Notification respondent: 134, St Catherine, Flat 5, Triq il-Magna tal-Isserrar, Msida.

Housing Authority

The application in the names Mariella Micallef et vs Mark Zammit, Application Number 257/2024CG has been postponed for hearing to the 24th September, 2024 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 9th August, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1725

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Lulju, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Pio Pisani vs Roderick Bellizzi Rikors Nru 223/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Roderick Bellizzi a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Pio Pisani (KI 460951M) vs Roderick Bellizzi (KI 208788M), preżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fis-16 ta' Mejju, 2024, ir-rikorrenti Pio Pisani (KI 460951M) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jaqta' u jiddeċiedi dawn il-proċeduri ai termini tal-artikolu 16A et seq tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe bid-dispensa tas-smigħ tal-proċeduri;

2. Jiddikjara u jikkonferma li l-lokazzjoni relattiva taż-żewġ garages, bla numru uffiċjali, internament immarkati bin-numru 12 u 13 li jiffurmaw parti minn kumpless ta' garaxxijiet jismu Acacia Avenue, Triq Sant'Andrew, is-Swieqi skadiet u ntemmet b'efffett mit-18 ta' Marzu, 2024 minn liema data l-intimat kien obbligat li jirrilaxxa l-pussess battal tagħhom lir-rikorrenti u li għalhekk l-intimat qiegħed jokkupa l-imsemmija garages mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Jordna u jikkundanna lill-intimat sabiex, fi żmien qasir u perentorju li għandu jiġi ffissat minn dan il-Bord għal dan l-iskop, jiżgombra minn u jirritorna lir-rikorrenti c-cwievet

By means of a decree of the 3rd July, 2024 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Pio Pisani vs Roderick Bellizzi, Application Number 223/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Roderick Bellizzi in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Pio Pisani (ID 460951M) vs Roderick Bellizzi (ID 208788M) filed in the Rent Regulation Board, on the 16th May, 2024, the applicant Pio Pisani (ID 460951M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Decide these procedures in terms of Article 16A et seq of Chapter 69 of the Laws of Malta and namely without proceeding to trial;

2. Declare and confirm that the relative lease of the two garages, without official number, internally marked with numbers 12 and 13 forming part of a garages complex named Acacia Avenue, Triq Sant' Andrew, Swieqi lapsed and ended with effect from the 18th March, 2024 from which date the respondent was obliged to release their vacant possessions to the applicant and thus the respondent is occupying the said garages without any valid title at law;

3. Order and condemn the respondent so that within a short and peremptory period to be fixed by this Board for this purpose, he vacates from and returns to the applicant

u l-pussess liberu u battal taż-żewġ garages, bla numru uffiċjali internament immarkati bin-numru 12 u 13 formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet jismu Acacia Avenue, Triq Sant'Andrew, Swieqi skont it-termini tal-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni datata 18 ta' Marzu, 2022.

4. Jiddeċiedi u jiddikjara lill-intimat debitur tar-rikorrenti, fis-somma ta' €1,200 rappreżentanti l-iskadenzi ta' sitt xhur kera sas-17 ta' Marzu, 2023, oltre għall-ħlas ta' €200 fix-xahar, għal kull xahar, bħala kumpens għall-okkupazzjoni ulterjuri b'effett mit-18 ta' Marzu, 2024 sakemm il-pussess battal u effettiv tal-garaxxijiet rispettivi jirritornaw lura fil-pussess tar-rikorrenti; u

5. Jordna u jikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorenti s-somma ta' €1,200 rappreżentanti l-iskadenzi ta' sitt xhur kera sas-17 ta' Marzu, 2023, oltre għall-ħlas ta' €200 fix-xahar għal kull xahar bħala kumpens għall-okkupazzjoni ulterjuri, b'effett mit-18 ta' Marzu, 2024 sakemm il-pussess battal u effettiv tal-garages rispettivi jirritornaw lura fil-pusssess tar-rikorrenti – kollox skont kif intqal fuq u għar-raġunijiet premessi.

Bl-imgħaxijiet legali relattivi mid-dati tal-iskadenzi rispettivi sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-proċeduri odjerni kontra l-intimat li minn issa jibqa' ngunt għas-subizzjoni tiegħu u b'riserva ta' kwalsiasi drittijiet oħra spettanti lir-rikorrenti.

rikorrenti: Morning Star,m 50, Triq ir-Ratal, is-Swieqi

notifika: Flat 8, Block C3, Triq Fonsu Maria Galea, Birkirkara.

Ir-rikors fl-ismijiet Pio Pisani vs Roderick Bellizzi, rikors numru 223/2024JG jinsab differit għat-30 ta' Settembru, 2024 fis-13.50 p.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 9 ta' Awwissu, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunal

4. Decides and declares the respondent debtor of the applicant, in the sum of €1,200 representing the six months instalments rent till the 17th March, 2023, besides the payment of €200 monthly, for each month, as compensation for the further occupation with effect from the 18th March, 2024 until the vacant and effective possession of the respective garages returns to the possession of the applicant; and

5. Order and condemn the respondent to pay the applicant the sum of €1,200 representing the six months instalments rent till the 17th March, 2023, besides the payment of €200 monthly for each month as compensation for further occupation, with effect from the 18th March, 2024 until the vacant and effective possession of the respective garages returns to the possession of the applicant – all as stated above and for the reasons premised.

With the relative legal interest from the respective deadlines till the date of effective payment and with all costs, including those of the present proceedings against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made and saving any other rights due to the applicant.

Applicant: Morning Star, 50, Triq ir-Ratal, Swieqi

Notification respondent: Flaqt 8, Block C3, Triq Fonsu Maria Galea, Birkirkara.

The application in the names Pio Pisani vs Roderick Bellizzi, Application Number 223/2024JG has been postponed for hearing to the 30th September, 2024 at 13.50p.m.

Registry of the Superior Courts, today 9th August, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1726

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Ottubru, 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3444/2023, fl-ismijiet Awtorità tal-Artijiet vs Brenda Gravina, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

By means of a decree of the 25th October, 2023 of the Courts of Magistrates (Malta) in the records of judicial letter number 3444/2023, in the names Lands Authority vs Brenda Gravina, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent in terms of Article 187(3) et seq of Chapter 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Illum, 7 ta' Awwissu, 2023

Lil Brenda Gravina (KI 0083785M) ta' 20, Triq it-Torri, iż-Żurrieq.

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tal-Artijiet ta' Auberge De Baviere, Triq San Bastjan, il-Belt Valletta, tagħmel riferenza għal-kirja li inti tgawdi fuq Garagae 8(4) Ent C, Wied Hesri H.E., Triq Dun Anton, is-Siġġiewi, Malta (Numru tal-Proprjetà 077988) qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex fi żmien ħamest (5) ijiem tħallas is-somma fl-ammont ta' €7,483.01 liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti arretati dovuti għal perjodu bejn l-1 ta' Diċembru, 2015 u 30 ta' Novembru, 2023.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut int inqast milli tħallas sal-gurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Di piu m'hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u inti qatt ma kkontesajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni da parti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddi biex tesegwixxi dan il-kreditu skont il-Liġi.

Bl-ispejjeż u b'riserva għad-dritt għall-imgħax sad-data tal-pagament effettiv skont il-Liġi.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 9 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Today, 7th August, 2023

To Brenda Gravina (ID 0083785M) of 20, Triq it-Torri, Żurrieq.

By the present, the Lands Authority of Auberge de Baviere, Triq San Bastjan, Valletta, makes reference to the lease that you enjoy on the Garage 8(4), Ent C, Wied Hesri H.E., Triq Dun Anton, Siġġiewi, Malta (Tenement Number 077988) you are being notified with the attached affidavit marked as document A for all intents and purposes of Article 466 of Chapter 12 of the Laws of Malta and is soliciting you so that within five (5) days you pay the sum in the amount of €7,483.01 which amount is sure, liquid and due and representing arrears due for the period between the 1st December, 2015 and 30th November, 2023.

Notwithstanding various solicitations by the interpellant for the payment of the amount due you failed to pay till the day of filing of this letter. Furthermore there is no valid reason for this default and you never contested the amount due.

This act is being sent for all intents and purposes of law and in default of payment or opposition on your part in terms of the said Article 466 of Chapter 12 of the Laws of Malta, the interpellant shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs and reserving the right for interest till the date of effective payment according to law.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today, 9th August, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1727

Permezz ta' digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2117/2022, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Orlando Attard, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Orlando Attard a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 24 ta' Mejju, 2022

Lil Orlando Attard (KI 269481M) ta' 76, Maria Immaculata, Triq Mro Giuseppe Camilleri, Birkirkara

By means of a decree of the 15th December 2023 handed down by the First Hall of the Civil Court in the records of the judicial letter number 2117/2022 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Orlando Attard, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Orlando Attard in terms of Article 187(3) et seq of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 24th May, 2022

To Orlando Attard (ID 269481M) of 76, Maria Immaculata, Triq Mro Giuseppe Camilleri, Birkirkara

Bħala eredi ta' Mary Doris Portelli (KI 230739M), Rita Mula (KI 311722M), Anthony Attard (KI 579445M)

Permezz tal-preżenti is-soċjetà Automated Revenue Management Services Limited (C46054) ta' Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, Malta f'isimha proprju u għannom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikat bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €21,726.74 liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma flimkien ma' imgħax dovut fuq l-Ammont u liema Ammont jikkonsisti fis-segwenti:

I. In kwantu l-kont numru 101000048458 l-ammont ta' €5,103.13 fil-fond bl-indirizz 15, Triq is-Sajjieda, Marsa; u

II. In kwantu l-kont numru 101000054203 l-ammont ta' €4,279.06 fil-fond bl-indirizz 23, Triq Fra Diego, Marsa;

III. In kwantu l-kont numru 101000051194 l-ammont ta' €6,166.48 fil-fond bl-indirizz 74, Douglas, Triq is-Sajjieda, il-Marsa; u

IV. In kwantu l-kont numru 101000080731 l-ammont ta' €2,797.20 fil-fond bl-indirizz 75, Benester, Triq is-Sajjieda, il-Marsa;

V. In kwantu l-kont numru 101000090791 l-ammont ta' €2,231.16 fil-fond bl-indirizz 76, Sutton, Triq is-Sajjieda, il-Marsa;

VI. In kwantu l-kont numru 411000032073 l-ammont ta' €849.71 fil-fond bl-indirizz 68, Triq Fra Diegu, il-Marsa.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

As heirs of Mary Doris Portelli (ID 230739M), Rita Mula (ID 311722M), Anthony Attard (ID 579445M)

By the present, the company Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €21,726.74 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount which amount consists of the following:

I. As for bill number 101000048458 the amount of €5,103.13 for the premises with address 15, Triq is-Sajjieda, Marsa; and

II. As for bill number 101000054203 the amount of €4,279.06 for the premises with address 23, Triq Fra Diego, Marsa;

III. As for bill number 101000051194 the amount of €6,166.48 for the premises with address 74, Douglas, Triq is-Sajjieda, Marsa;

IV. As for bill number 101000090731 the amount of €2,797.20 for the premises with address 75, Benester, Triq is-Sajjieda, Marsa;

V. As for bill number 101000090791 the amount of €2,231.16 for the premises with address 76, Sutton, Triq is-Sajjieda, Marsa;

VI. As for bill number 411000032073 the amount of €849.71 for the premises with address 68, Triq Fra Diegu, Marsa.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 9 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts today, 9th August, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1728

Permezz ta' digriet mogħti fit-2 ta' Ġunju, 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 451/2022, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Carmela Demicoli, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12 et seq.

By means of a decree of the 2nd June, 2024 given by the Courts of Magistrates (Malta), in the records of the judicial letter number 451/2022, in the names Commissioner of Revenue vs Carmela Demicoli, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Carmela Demicoli (KI 26262M) ta' St Anthony Fl 7, Triq l-Għakrux, Ħaż-Żabbar, Malta, fis-7 ta' Marzu 2022, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta, Floriana, jinterpellak biex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €7,800 bilanċ minn somma akbar kwantu għal €5,665 rappreżentanti taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2012, 2013, 2014, 2015, 2016, 2018 u 2019 u kwantu għal €2,135 bħala taxxa addizzjonali u interessi skont l-avviż/talba għall-ħlas hawn unit animo ritirandi u mmarkat Dok A.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Carmela Demicoli (ID 26262M) of St Anthony, Fl 7, Triq l-Għarkux, Ħaż-Żabbar, Malta, on the 7th March 2022, the Commissioner of Revenue of Adminisitration of Tax and Customs of Malta, Floriana, calls upon you so that within two days you pay the sum of €7,800 balance from a greater amount as for the amount of €5,665 representing the tax from the income or provisional tax for the years of assessment 2012, 2013, 2014, 2015, 2016, 2018 and 2019 and as for the amount of €2,135 as additional tax and interest according to the Notice/Demand for Payment here attached animo ritirandi and marked as Doc A.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut lill-mittenti minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok A fuq citat) il-mittenti javżak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiz-żmien hawn lilek prefiss, huwa jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Because you failed to pay the amount due to the interpellant although a demand for payment was made (see the same Doc A above mentioned), the interpellant warns you that if you fail to pay the amount in the time given, he will proceed for the execution of his executive title given in terms of Article 40 of the Income Tax Management Act.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att.

Pay the costs of this act.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 9 ta' Awwissu, 2024.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th August, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1729

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fid-29 ta' Lulju, 2024 (Rikors numru 62/2024) rikors ta' Consolata Theuma fejn intalbet l-apertura tas-SUĊĊESSJONI ta' Regina Teuma, ġja xebba, bint il-mejtin Anthony Teuma u Josephine Teuma nèe Buttigieg, imwielda l-Qala, Għawdex fis-26 ta' Novembru, 1949 u mietet il-Qala, Għawdex fid-19 ta' Settembru, 2023 (Karta tal-Identità Numru 90849G), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' oħtha Consolata Theuma (K.I. 7244G), ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 29th of July, 2024 (Application number 62/2024) by Consolata Theuma, the opening of the SUCCESSION was requested of Regina Teuma, spinster, daughter of the late Anthony Teuma and Josephine Teuma nèe Buttigieg, born in Qala, Gozo on the 26th of November, 1949 and died in Qala, Gozo on the 19th of September, 2023 (Identity Card number 90849G), which opening of succession is to be made in favour of her sister Consolata Theuma (I.D. 7244G),the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Therefore anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dottor Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr. Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Ġurisdizzjoni Volontarja

Voluntary Jurisdiction

Illum 9 ta' Awwissu, 2024

Today the 9th of August, 2024

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

DANIEL SACCO
Deputy Registrar
For the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1730

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Lulju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2680/2024, fl-ismijiet ASV Services Limited vs Max Junior Ebejer, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lill-intimat Max Junior Ebejer a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

By means of a decree of the 29th July, 2024 in the records of the judicial letter number 2680/2024 in the names ASV Services Limited vs Max Junior Ebejer, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Max Junior Ebejer in terms of Article 187(3) et seq of Chapter 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

In the First Hall of the Civil Court

Illum 11 ta' Ġunju, 2024

Today 11th June, 2024

Lil Max Junior Ebejer (KI 305095M) ta' 45, Lelcarn, Triq Nerik Sacco, il-Marsa.

To Max Junior Ebejer (ID 305095M) of 45, Lelcarn, Triq Nerik Sacco, Marsa.

Permezz tal-preżenti ASV Services Limited (C-43725) ta' HHF013, Ħal Far Industrial Estate, Birżebbuġa, filwaqt li tirreferik għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-23 ta' Jannar, 2024 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Tabone, fejn inti kkostitwejt ruħek veru, ċert u likwidu debitur a favur tal-mittenti fis-somma komplessiva ta' €74,040.84 bl-imgħaxijiet bir-rata ta' 8% mill-1 ta' Diċembru, 2023 jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallasha l-imsemmija somma ta' €74,040.84 bl-imgħaxijiet ta' 8% mill-1 ta' Diċembru, 2023 sad-data tal-ħlas effettiv.

By means of this present ASV Services Limited (C-43725) of HHF013 Ħal Far Industrial Estate, Birżebbuġa, whilst referring to the contract of constitution of debt of the 23rd January, 2024 in the records of Notary Dr Joseph Tabone, whereby you constituted yourself true, sure and liquid debtor in favour of the interpellant in the global sum of €74,040.84 with interest at the rate of 8% from the 1st December, 2023 solicits you so that within two days you pay the said sum of €74,040.84 with interest of 8% from the 1st December, 2023 till the date effective payment.

Din l-ittra uffiċjali qed issir sabiex id-dejn fuq imsemmi fil-kuntratt ippubblikat min-Nutar Joseph Tabone kif fuq ingħad jiġi rez eżekuttiv kontra tiegħek u dan skont l-artikoli 253(b) u 256(2) tal-Kap 12.

This judicial letter is being made so that the debt above mentioned in the contract published by Notary Joseph Tabone as above mentioned is rendered executable against you and this according to Articles 253 (b) and 256 (2) of Chapter 12.

Fin-nuqqas ta' ħlas sħiħ u immedjat, il-mittenti ser tesegwixxi kontra tiegħek it-titolu eżekuttiv tagħha skont il-Liġi.

In default of full and immediate payment, the interpellant shall execute against you its executive title according to law.

Tant biex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 9 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to proceed.

With costs.

Registry of the Superior Courts today, 9th August, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1731

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Lulju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2146/2024, fl-ismijiet Mapfre Middlesea plc vs Georgina Borg il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Georgina Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12 .

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 12 ta' Ġunju, 2024

Lil Georgina Borg ta' Flat 2, Binja 1, Entrance B, Triq il-Qasam Industrijali, Ħaż-Żabbar.

Permezz tal-preżenti s-soċjetà Mapfre Middlesea plc (C-5553) ta'380, Canon Road, Santa Venera kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata tagħha Charlotte Bonnici, abbażi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-Liġi u l-l-istess Charlotte Bonnici, filwaqt li jagħmlu riferenza għall-inċident illi seħħ nhar is-7 ta' Novembru, 2022 f' Ħaż-Żabbar meta int għamilt l-ħsara fil-vettura tal-mittenti Bonnici bin-numru ta' reġistrazzjoni CHA-290 u li kienet tinsab ipparkajata fi Triq il-Kunvent, liema ħsara giet ikkaġunata, permezz tal-preżenti qed tiġi interpellata sabiex fiz-żmien jumejn tersaq għal-likwidazzjoni bonarja tad-danni sofferit mill-mittenti b'riżultat tal-inċident in kwistjoni, stante illi l-istess inċident seħħ unikament minħabba tortijiet attribwibbli lilek.

Fin-nuqqas milli tottempera ruħek ma' din l-intima fiż-żmien preskritt sejrin jittieħdu proċeduri ulterjuri kontra tiegħek skont il-Liġi u dana mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tgħarfu timxu.

Bl-imgħax u bl-ispejjeż tal-preżenti.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum, 9 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 23rd July, 2024, in the records of the judicial letter number 2146/2024, in the names Mapfre Middlesea plc vs Georgina Borg, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Georgina Borg in terms of Article 187(3) et seq of Chapter 12.

In the Courts of Magistrates (Malta)

Today 12th June, 2024

To Georgina Borg of Flat 2, Binja 1, Entrance B, Triq il-Qasam Industrijali, Ħaż-Żabbar.

By means of the present the company Mapfre Middlesea plc (C-5553) of 380, Canon Road, Santa Venera, as subrogated in the rights of its insured Charlotte Bonnici on the basis of the insurance policy and at law and the same Charlotte Bonnici, whilst making reference to the accident which occurred on the 7th November, 2022 in Ħaż-Żabbar when you caused the damage in the vehicle of the interpellant Bonnici with registration number CHA-290 and which was parked in Triq il-Kunvent, which damage was caused by you, by the present you are being solicited so that within two days you come forward for the liquidation of the damages suffered by the interpellant as a result of the incident in question, since the same incident occurred solely due to the faults attributable to you.

If you fail to abide with this calling within the time given further procedures will be taken against you according to law and this without any other prior notice.

So much so that you may know how to proceed.

With interest and costs of the present.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today, 9th August, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1732

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Lulju, 2024, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni numru 64/2024 fl-ismijiet Rodney Pizzuto vs Roxanne Pizzuto, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Roxanne Pizzuto a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Rodney Pizzuto (KI 314580M) vs Roxanne Pizzuto (KI 0483390M) fl-atti tal-ittra ta' medjazzjoni Numru 64/2024 ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-4 ta' Ġunju, 2024, ir-rikorrenti Rodney Pizzuto talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna illi t-tifel minuri għandu jirrisjedi flimkien mal-esponent ġewwa d-dar matrimonjali ad esklużjoni tal-attriċi;

2. Tordna illi l-kura u kustodja tat-tifel minuri tiġi affidata lill-esponent missieru illi jkollu d-dritt illi jieħu d-deċiżjonijiet kollha rigward is-saħħa u l-edukazzjoni tat-tifel minuri;

3. Tillikwida l-manteniment pendent lite pagabbli lir-rikorrent għall-imsemmi tifel minuri skont il-ħtiġijiet tal-istess tifel minuri u skont il-mezzi tal-istess intimata, pagabbli kull xahar jew ġimgħa, skont kif jiġi ordnat mill-istess Qorti u tipprovdi, jew fil-manteniment hekk likwidat, jew b'ordni separata ta' ħlas, għall-ħlas tal-kontijiet rikorrenti tal-familja tal-kontendenti, fuq imsemmija, illi jkunu jinkludu l-ħlas tal-ispejjes tas-saħħa u edukazzjoni tat-tifel tal-kontendenti u l-attivitajiet extra-kurrikulari tiegħu.

Rikorrenti: 43, Adonai Court, Flat 6, Triq ic-Cezalpina, Birkirkara.

Notifika: Roxanne Pizzuto – 77 Manoel Centre, Flat 2, Triq Manoel de Vilhena, il-Gżira.

Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) – Onor Imħallef Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law.)

Ittra Nru 64/2024

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem utili għar-risposta.

Illum, 5 ta' Ġunju, 2024.

By means of a decree of the 22nd July, 2024 of the Civil Court (Family Section), in the records of the mediation letter in the names Rodney Pizzuto vs Roxanne Pizzuto, Mediation Letter Number 64/2024, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Roxanne Pizzuto in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an Application in the records of the Mediation Letter Number 64/2024 in the names Rodney Pizzuto (ID 314580M) vs Roxanne Pizzuto (ID 0483390M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 4th June, 2024, the applicant Rodney Pizzuto requested this Honourable Court to:

1. Order that the minor boy is to reside together with the applicant in the matrimonial home to the exclusion of the respondent;

2. Order that the care and custody of the minor child be entrusted to the applicant his father who shall have the right to take all decisions regarding the health and education of the minor child;

3. Liquidate the maintenance pendant lite payable to the applicant for the said minor child according to the needs of the same minor child and according to the means of the same respondent, payable every month or week, as ordered by the same Court and provide, either in the maintenance so liquidated, or by a separate order of payment, for the payment of the bills of the family, above mentioned, which shall include the payment of the health and education expenses of the child of the parties and his extra-curricular activities.

Applicant: 43, Adonai Court, Flat 6, Triq ic-Cezalpina, Birkirkara.

Notification: Roxanne Pizzuto – 77 Manoel Centre, Flat 2, Triq Manoel de Vilhena, Gżira

Civil Court (Family Section) – Honourable Madam Justice Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law.)

Letter No 64/2024AL

The Court,

Having seen the application;

Orders the notification to the couterparty with five (5) working days within which to submit a reply.

Today, 5th June, 2024.

U permezz ta' rikors ieħor tat-22 ta' Lulju, 2024 fejn Rodney Pizzuto fost oħrajn talab sabiex din il-Qorti tordna li proviżjorjament t-tifel minuri għandu jiġi ritornat minnufih lill-missieru bl-assistenza tal-pulizija u marixxalli u ħaddiema soċjali.

Il-Qorti permezz ta' digriet tat-22 ta' Lulju, 2024 laqgħet l-ewwel talba b'mod provizorju fl-interess supremm tal-minuri sakemm il-Qorti tiddegreta r-rikors b'mod finali u tordna notifika tar-rikors lill-kontro-parti li jkollha ħamest ijiem żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum, 9 ta' Awwissu, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

And by means of another application of 22nd July, 2024 where Rodney Pizzuto, among others, asked this Court to order that provisionally the minor child should be returned immediately to his father with the assistance of the police and marshals and social workers.

The Court by means of a decree of the 22nd July, 2024 provisionally upheld the first demand in the Supreme interest of the minor until the Court finally decides the application and orders the notification of the application to the respondent who has five days to file a reply.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today, 9th August, 2024,

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1733

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ġunju, 2024, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Guramentat numru 85/2024AL fl-ismijiet Angelle Siba vs Abubakari Siba, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Abubakari Siba a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

